**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Mario Tonna)

**vs**

**Gordon Borda**

Illum 19 t'Ottubru 2000.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Borda ta' 25 sena, bin Joseph u Maria Carmela mwielda Demicoli , imwieled gewwa tal-Pieta' fl-20.03.75, u joqghod , Nru 7 Flat 7 Pjazza Mattia Preti Il-Belt Valletta talli:

Nhar it-2 ta' Awissu 1999 ghall-habta ta' 11.00pm gewwa Marsamxett il-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jisraq minn gewwa il-fond "Valletta Water Polo Pitch" (mill-Bar), a detriment ta' Thaddeo Cuschieri mill-Imsida, liema tentattiv ta' serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur liema valur ma

jeccediex izjed minn elf lira Maltin u bil-hin, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu, dan bi ksur ta' artikoli 41(a), 261, 263(a), 267, 270, 274 (c), 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data, hin u cirkustanzi volontarjament ikkagunajt hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli ghad-dannu ta' l-istess Thaddeo Cuschieri, liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data, hin ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emmanuel Cuschieri mill-Imsida kif iccertifika Dr. M.Baldacchino tac-centru tas-sahha tal-Furjana. U dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin hebb sabiex jingurja jew jaghmel hsara lil-Thaddeo Cuschieri mill-Imsida u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trttat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ta' l-kunsens tieghu illum biex il-kaz  tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih fis-seduta ta'llum;

Rat l-Artikoli 41(a), 221, 261,263(a), 267, 270, 274(c), 279(a), 325 (b) u 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Jidhrilha li stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzat, l-eta zghira ta' l-akkuzat, il-fatt li jirrizulta li hallas id-danni kollha, ghandha tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Ghalhekk waqt li ssib lill-akkuzat hati, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-llum u qed taghtih it-twissijiet skond il-ligi.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA

Dep Reg.